Verżjoni Elettronika

A.L. 14 tal-2023

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Ordni tal-2023 li jemenda l-Ordni dwar it-Tismija ta' Postijiet għat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16(2) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2023 li jemenda l-Ordni dwar it-Tismija ta' Postijiet għat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar it-Tismija ta' Postijiet għat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 378.02.

Jissostitwixxi l-artikolu 2 tal-ordni principali.

2. L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan l-artikolu ġdid ġej:

"Identifikazzjoni ta' positjiet.

2. L-uffiċċju tad-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur fil-Belt Valletta, l-uffiċċju li jintuża miċ-Ċentru Amministrattiv ta' Għawdex fil-Belt Victoria, Għawdex u l-uffiċċju li jintuża mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti għall-Inklużjoni, Organizzazzjonijiet Volontarji u d-Drittijiet tal-Konsumatur fl-Imrieħel ġew identifikati bħala l-postijiet fejn it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi għandu jżomm is-seduti tiegħu.".